KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIZABILITÀ

NATIONAL COMMISSION PERSONS WITH DISABILITY

MALTA

# PRESS RELEASE

**27th January 2003**

## Stqarrija ghall-Istampa

SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIZABILITA'
KARTA TA' L-IDENTITA' SPECJALI

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' (il-Kummissjoni) fl-okkazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Dizabilita' qed tohrog fuljetti ta' informazzjoni, semplici u cari, biex tinforma lill-pubbliku bis-servizzi li toffri lill-persuni b'dizabilita' u l-familji taghhom. Dawn il-fuljetti, barra taghrif generali fuq is-servizz, jinkludu ukoll taghrif fil-qosor fuq l-eligibilita', il-procedura u l-beneficcji ta' dak is-servizz.

L-ewwel fuljett li hareg illum huwa dwar il-Karta ta' l-Identita' Specjali ghall-persuni b'dizabilita'. Il-Kummissjoni ghazlet dan is-servizz biex ikun l-ewwel f'din is-sensiela, ghax il-Karta ta' Identita' Specjali taghti l-opportunita lil persuni b'dizabilita' tapplika ghall-servizzi ohra b'inqas diffikulta. Ghalhekk il-Karta ta' l-Identita' Specjali hija mezzi importanti li tghin lill-persuni b'dizabilita' jiehdu sehem shih fis-socjeta' Maltija.

Il-Karta ta' l-Identita' Specjali tinghata lil kull persuna b'dizabilita' kif inhi definita fil-Ligi tas-Sigurta' Socjali ta' l-1987 bl-emendi li saru mill-Gvern u mill-Kummissjoni.

Kull min japplika ghall-Karta ta' l-Identita' Specjali jimla' kwestjonarju li l-informazzjoni tieghu tinzamm il-Kummissjoni b'mod mill-aktar kunfidenzjali. Din l-informazzjoni tiddahhal f'database u sservi bhala bazi ghal ricerka biex jigu mfassla policies u servizzi lill-persuni b'dizabilita' u l-familji taghhom.



Ðentru Óidma Soðjali, Triq il-Kbira San Íuúepp, Sta. Venera ÓMR 18, MALTA
Telefon: 487789 · 448521 · 245952 Fax: 484609 Text telefon: 446536
Ðentru: 441311, ext. 218 Email: knpd@kemmunet.net.mt

Persuna li tkun eligibbli ghall-Karta ta’ l-Identita’ Specjali tista’ tapplika ghaliha billi timla l-formola ta’ l-applikazzjoni li wiehed jista’ jgib mill-ufficcju tal-Kummissjoni. Biex tapplika ghandek bzonn certifikat tat-tabib jew prova li l-persuna tircievi l-pensjoni jew allowance ghall-persuni b’dizabilita mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali u zewg ritratti daqs ta’ passaport li wiehed minnhom ikun iffirmat minn professjonista’.

Il-Karta ta’ Identita’ Specjali tintola ukoll lill-persuna b’dizabilita’ ghal prijorita’ f’diversi servizzi f’xi dipartimenti tal-Gvern, Banek, Centri tas-Sahha u ohrajn. Numru ta’ kumpaniji offrew is-servizz taghhom lil min ghandu din l-Karta’ ta’ l-Identita’ Specjali bla hlas jew bi prezz issussidjat.

Il-Kummissjoni ser tqassam dan il-fuljett informattiv lil kull min jahdem jew interessat f’dan il-qasam. Barra minn hekk dan il-fuljett jista’ jinksieb minn fuq il-webpage tal-Kummissjoni, bil-Braille u b’tipa kbira mill-ufficini tal-Kummissjoni. Aktar ‘il quddiem il-Kummissjoni ser taghmel dawn il-fuljetti b’medja differenti jigifieri fuq audio cassettes u bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija fuq vidjo.